MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1042/2002/1

***Packprint Limited***
***vs***
***Euro Chemie Products Limited***

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu is-socjeta’ attrici, wara li ppremettiet: illi hija kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ disat elef disa mija u sebgha u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu [Lm9,987.81] rapprezentatni prezz ta’ merkanzija mibugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lil dik konvenuta kif jidher mill-prospett hawn anness u markata Dok.A; illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socejta’ attrici s-socjeta’ konvenuta m’ ghandhiex eccezzjonijiet x’ taghti; talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex, ghar-ragunijet premessi, m’ ghandhiex din il-Qorti: 1. Taqta’ u tiddecidi l-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 – 170 tal-Kap.12 tal-ligijiet

ta’ Malta u cioe’ bid-dispensa tas-smigh; 2.Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disat elef disa mija u sebgha u tmenin lira maltin u wiehed u tmenin centezmu [Lm9,987.81] dovuta kif fuq inghad. Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri legali datati 27 ta’ Marzu 2002 u 22 ta’ Lulju 2002 u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2003 li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta giet awtorizzata li tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet: 1. Fl-ewwel lok, uhud mill-“invoices” huma preskritti u dana ai termini tal-Artikolu 2148[b] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta; u 2. Illi minghajr pregudizzju mhux l-ammont kollu huwa dovut, stante li saru pagamenti mis-socjeta’ eccepjenti – Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat li fl-udjenza tas-7 ta’ Novembru 2003 l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat dwar l-ewwel eccezzjoni:

Illi, ghalkemm fl-eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta ssollevat il-preskrizzjoni ta’ tmientax il-xahar kontemplata fl-Artikolu 2148 [b] dwar xi “uhud mill-invoices” hija ma ressqet ebda prova in propositu. Jigi osservat li min jeccepixxi l-preskrizzjoni jassumi fuqu l-oneru tal-prova tad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv fuq l-istregwa tal-massima *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa biss f’ kaz li ssir b’ success din il-prova li l-oneru tal-prova tal-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv jaqa’ fuq is-socjeta’ li qed tippretendi l-kreditu.

Ghaldaqstant f' dan il-kaz, stante li s-socjeta' konvenuta ma ressqet ebda prova in sostenn ta' l-ewwel eccezzjoni taghha, tichad l-istess, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------